Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2021

P9_TA(2021)0258

Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali: rapport interim

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2021 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 168/2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (COM(2020)0225 – 2020/0112R(APP))

(2022/C 15/47)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 168/2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (COM(2020)0225),

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari l-Artikolu 352 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ([1]) (ir-Regolament FRA),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikoli 2, 6 u 7 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-UE u tal-Kummissjoni Ewropea tad-19 ta' Lulju 2012 dwar l-aġenziji deċentralizzati u l-Approċċ Komuni,

— wara li kkunsidra l-istudju bit-titolu "Strengthening the Fundamental Rights Agency – The Revision of the Fundamental Rights Agency Regulation" (It-tisħiħ tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali – Ir-Reviżjoni tar-Regolament tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali), ippubblikat f'Mejju 2020 mid-Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali tal-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 105(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,

— wara li kkunsidra r-rapport interim tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0058/2021),

A. billi l-proposta għal regolament tal-Kunsill tirrappreżenta pass 'il quddiem biex il-ħidma tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) issir aktar effettiva b'mod usa' billi tippermettilha topera bis-sħiħ fl-oqsma kollha ta' kompetenza tal-Unjoni u billi tiċċara l-kompiti u l-metodi ta' ħidma tagħha, filwaqt li tirrispetta l-prinċipji tal-proporzjonalità u s-sussidjarjetà; billi hija ħasra li l-bażi ġuridika ta' din attwalment teħtieġ unanimità fil-Kunsill u l-approvazzjoni tal-Parlament, li jfisser li l-involviment tal-Parlament fir-riforma huwa limitat;

B. billi l-FRA tagħti kontribut importanti biex tiddefendi d-drittijiet fundamentali u, bħala aġenzija tal-UE indipendenti u sħiħa u bħala għassiesa tad-drittijiet fundamentali, għandha tissaħħaħ aktar bil-ħsieb li tippromwovi u tiddefendi d-drittijiet fundamentali bl-aktar mod effettiv possibbli, filwaqt li tfittex ukoll djalogu permezz tal-involviment attiv tas-soċjetà ċivili, inklużi l-assoċjazzjonijiet tal-avukati, l-organizzazzjonijiet professjonali, il-maġistrati u l-avukati;

C. billi l-ambizzjonijiet tal-UE għall-iżvilupp ta' dimensjoni esterna aktar b'saħħitha għandhom jiġu riflessi fl-involviment ulterjuri tal-FRA fil-monitoraġġ u l-iskrutinju tal-atti u l-attivitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fl-aspetti kollha tal-politika estera u ta' sigurtà komuni;

D. billi f'dinja globalizzata, huwa essenzjali li tiġi ggarantita protezzjoni suffiċjenti tad-drittijiet fundamentali permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali ma' pajjiżi terzi;

E. billi l-bini tal-fiduċja fost iċ-ċittadini tal-UE fil-ħidma tal-pulizija u tal-awtoritajiet tal-ġustizzja jista' jinkiseb u jissaħħaħ biss meta l-atti u l-attivitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha jiġu mmonitorjati u skrutinizzati bir-reqqa, b'mod preċiż u konsistenti u jinġiebu b'mod rapidu f'konformità mal-obbligi tad-drittijiet fundamentali; billi l-attività tal-FRA fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja hija għalhekk tal-akbar importanza u, bħala tali, il-mandat tagħha għandu jkopri wkoll il-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali;

([1]) ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.

F. billi l-ħidma tal-FRA fid-difiża tad-drittijiet fundamentali u fl-identifikazzjoni tal-isfidi, bħad-drittijiet tat-tfal, il-migrazzjoni (inklużi l-fruntieri esterni), l-użu tal-intelliġenza artifiċjali u t-teknoloġiji l-ġodda, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u d-drittijiet tan-nisa eċċ. hija importanti f'termini tal-prijoritajiet tal-FRA u għalhekk teħtieġ li tiġi rikonoxxuta u appoġġata;

1. Iqis l-objettiv tal-FRA li tagħti informazzjoni, assistenza u għarfien espert dwar id-drittijiet fundamentali lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti, u l-objettiv li tiddefendi u tipproteġi d-drittijiet fundamentali fl-UE bħala objettivi ta' importanza assoluta, peress li l-FRA timmonitorja l-applikazzjoni prattika tal-Karta għaċ-ċittadini kollha tal-Istati Membri, u b'hekk tfittex li tiżgura li kull individwu jiġi ttrattat b'dinjità, filwaqt li l-Istati Membri kollha jiġu ttrattati fuq il-bażi ta' ugwaljanza; jissottolinja r-rwol importanti tagħha bħala faċilitatur fl-appoġġ tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha meta jieħdu miżuri jew jistabbilixxu tipi ta' azzjoni relatati mad-drittijiet fundamentali; jissottolinja li dawn l-azzjonijiet ta' appoġġ jistgħu jieħdu diversi forom, inkluża l-pubblikazzjoni ta' rapporti li jkunu bbażati fuq il-fatti, ibbilanċjati u jqisu varjetà ta' sorsi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jinkorporaw b'mod sistematiku d-data prodotta mill-FRA fit-tfassil tal-politika tagħhom u jimpenja ruħu għall-istess objettiv;

2. Jisħaq fuq il-fatt li r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda huma kwistjoni prevalenti u urġenti, flimkien mad-diskriminazzjoni bbażata fuq kwalunkwe raġuni bħal sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni ta' natura politika jew ta' kwalunkwe tip ieħor, appartenenza għal xi minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabilità, identità jew espressjoni tal-ġeneru, età jew orjentazzjoni sesswali; ifakkar li perspettiva orizzontali u intersezzjonali hija essenzjali għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali għal kulħadd; iwissi kontra ż-żieda u n-normalizzazzjoni tad-diskors ta' mibegħda u forom differenti ta' razziżmu, ksenofobija u intolleranza relatata, b'mod partikolari l-anti-Żingariżmu, l-antisemitiżmu, l-iżlamofobija u r-razziżmu kontra l-persuni suwed u ta' kulur f'ħafna Stati Membri, li ġew aggravati minħabba ż-żieda ta' movimenti estremisti u li żdiedu fl-ambjent online, speċjalment matul il-pandemija tal-COVID-19; jenfasizza l-impenn tal-FRA fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni ta' kull tip u jistieden lill-aġenzija tkompli l-ħidma tagħha dwar l-iżviluppi relatati mad-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda u tirrapporta regolarment dwar il-każijiet u l-aħħar tendenzi;

3. Jafferma mill-ġdid ir-rieda tiegħu li jippermetti lill-FRA topera bis-sħiħ fl-oqsma kollha ta' kompetenza tal-Unjoni u twettaq ir-rwol tagħha kif mogħti mil-leġiżlaturi tal-UE, u għalhekk li jidentifika l-prinċipji u l-kundizzjonijiet li bihom jista' jagħti l-approvazzjoni tiegħu; jiddispjaċih, f'dan il-kuntest, dwar l-involviment limitat tal-Parlament fir-riforma tal-FRA u jissottolinja l-preferenza tiegħu għal proċedura leġiżlattiva ordinarja; f'konformità ma' aġenziji oħra tal-ĠAI, jistieden lill-Kummissjoni talloka baġit miżjud b'mod adegwat lill-FRA sabiex twettaq bis-sħiħ ir-rwol tagħha; jirrikonoxxi l-ħtieġa li l-FRA tiġi pprovduta b'persunal adegwatament speċjalizzat;

4. Jistieden lill-Kunsill iqis ukoll il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin meta jemenda r-Regolament FRA:

(i) *Kamp ta' applikazzjoni tar-regolament*

F'konformità mal-bidliet li jirriżultaw mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-kelma "Komunità" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "Unjoni" fir-regolament kollu – dan jimplika li l-atti jew l-attivitajiet tal-Unjoni jew tal-Istati Membri relatati mal-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni jew fi ħdanu, kif ukoll fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, għandhom ikunu koperti mill-FRA; f'dan ir-rigward, għandu jkun ċar li l-mandat tal-FRA jinkludi l-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali u kwistjonijiet relatati mar-rispett għad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri esterni tal-Unjoni (f'konformità mal-Artikolu 77 TFUE), u jiffoka wkoll fuq kwistjonijiet relatati mar-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u sentenzibejn l-Istati Membri; jenfasizza r-rwol importanti tal-FRA fl-għoti ta' kontributsiewi fil-kuntest tal-proċedimenti skont l-Artikolu 7 TUE u r-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt; jemmen li l-FRA għandha tikkontribwixxi wkoll fil-futur fil-kuntest tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni ([2]); jissottolinja, f'dan il-kuntest, ir-rwol tal-FRA bħala strument għad-difiża tal-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, speċjalment fi żminijiet ikkaratterizzati minn tendenzi awtoritarji inkwetanti;

(ii) *Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi*

Is-sħubija tal-osservaturi m'għandhiex tkun ristretta għal pajjiżi kandidati jew pajjiżi bi Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, iżda għandha tkun miftuħa għal pajjiżi terzi oħra, bħalma huma l-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea/tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles, ir-Renju Unit, jew – fejn jitqies xieraq mill-Bord tat-Tmexxija tal-FRA – pajjiżi koperti mill-politika Ewropea tal-viċinat;

([2]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1.

Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2021

(iii) *Oqsma ta' attività*

Minbarra l-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata kif stabbilit fl-Artikolu 5(2)(b) tar-Regolament FRA, u l-impenn aktar ġenerali kontra kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni u reati ta' mibegħda, l-oqsma ta' attività li ġejjin għandhom jissemmew b'mod speċifiku fil-parti operattiva tar-regolament il-ġdid:

il-ġlieda kontra l-anti-Żingariżmu, l-antisemitiżmu, l-iżlamofobija, ir-razziżmu kontra l-persuni suwed u ta' kulur, il-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, u r-rispett għal opinjonijiet politiċi jew opinjonijiet oħra;

(iv) *Programmazzjoni annwali u pluriennali*

Il-proposta tal-Kummissjoni li ma jitkompliex il-Qafas Pluriennali attwali ta' ħames snin għandha tiġi kkunsidrata bil-ħsieb li jiġi abbandunat l-istabbiliment ta' restrizzjonijiet tematiċi għal kull perijodu ta' ħames snin sabiex il-FRA tkun tista' tmexxi l-ħidma u l-enfasi tematiku tagħha lejn prijoritajiet emerġenti; il-FRA għandha tħejji l-programmazzjoni tagħha f'konsultazzjoni mill-qrib mal-uffiċjali nazzjonali ta' kollegament tal-FRA, sabiex tikkoordina l-oqsma tematiċi ewlenin ta' attività mal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri bl-aħjar mod u bl-aktar mod effiċjenti possibbli; l-abbozz tad-dokument ta' programmazzjoni għandu jintbagħat lill-korp preparatorju kompetenti tal-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex jiġi diskuss, u fid-dawl tal-eżitu ta' dawn id-diskussjonijiet, id-Direttur tal-FRA jeħtieġlu jippreżenta l-abbozz tad-dokument ta' programmazzjoni lill-Bord tat-Tmexxija tal-FRA biex jiġi adottat;

5. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra reviżjoni aktar komprensiva u ambizzjuża tar-Regolament FRA, wara valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa u konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, sabiex tissaħħaħ l-indipendenza, l-effiċjenza u l-effettività tal-FRA; jistieden lill-Kunsill jirrifletti fuq proposti bħal dawn; jitlob lill-Kummissjoni, għall-finijiet ta' dik ir-reviżjoni futura, tqis b'mod partikolari:

(i) *Bord tat-Tmexxija*

Bħal fil-każ ta' ħafna aġenziji oħra tal-UE, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern għandu jkollu d-dritt li jinnomina membru addizzjonali tal-Bord tat-Tmexxija tal-FRA; il-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkollhom id-dritt li jerġgħu jinħatru għal darb'oħra; għandu jiġi inkluż rekwiżit dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-korpi stabbiliti mir-Regolament FRA; iħeġġeġ lill-FRA tkompli l-prattika tagħha li jkollha tal-anqas membru wieħed tal-kumitat xjentifiku b'għarfien espert rilevanti dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

(ii) *Evalwazzjoni indipendenti u rieżami tal-attivitajiet tal-FRA*

Kull ħames snin, l-atti u l-attivitajiet tal-FRA għandhom jiġu ppreżentati għal evalwazzjoni esterna indipendenti li ma tkunx ikkummissjonata mill-Kummissjoni; l-objettiv tal-evalwazzjoni esterna indipendenti għandu jkun il-valutazzjoni b'mod partikolari tal-impatt, l-effettività, l-effiċjenza u l-prattiki ta' ħidma tal-attivitajiet u l-kisbiet tal-FRA; il-Bord tat-Tmexxija jeħtieġlu jeżamina l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 30(3) tar-Regolament FRA u jippreżenta lill-Kummissjoni tali rakkomandazzjonijiet skont il-ħtieġa rigward bidliet fil-FRA, fil-prattiki ta' ħidma tagħha u fil-kamp ta' applikazzjoni tal-missjoni tagħha; il-Kummissjoni jeħtiġilha tittrażmetti r-rapporti tal-evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni u tagħmilhom pubbliċi; wara li tkun ivvalutat ir-rapport tal-evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet, il-Kummissjoni tista' tippreżenta kwalunkwe proposta għal emendi għal dan ir-regolament li hija tqis meħtieġa;

(iii) *Kompiti*

Fuq it-talba tal-Kunsill, tal-Kummissjoni jew tal-Parlament, il-FRA għandha tkun tista' twettaq, b'mod partikolari, riċerka xjentifika indipendenti, stħarriġ, u studji preparatorji u ta' fattibbiltà, u tifformula u tippubblika konklużjonijiet u opinjonijiet dwar suġġetti tematiċi speċifiċi, inklużi valutazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u opinjonijiet dwar proposti leġiżlattivi fi stadji differenti tal-proċess leġiżlattiv u dwar proċedimenti skont l-Artikolu 7 TUE; dan għandu jkun

possibbli wkoll fuq l-inizjattiva tal-FRA, u mhux biss fuq talba ta' istituzzjoni tal-UE; barra minn hekk, l-Istati Membri individwali jew grupp ta' Stati Membri għandu jkollhom dritt ta' inizjattiva; ir-rwol attiv tal-FRA fil-mekkaniżmu futur tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali għandu jiġi inkluż fir-regolament bħala korp li, f'kooperazzjoni ma' bord ta' esperti indipendenti, jidentifika b'mod imparzjali l-iżviluppi pożittivi u negattivi ewlenin f'kull Stat Membru u jikkontribwixxi, fost affarijiet oħra, għat-tħejjija tar-rapport annwali tal-Kummissjoni;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.